*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,651, 25 ta' Ġunju, 2021*
*Taqsima C*

# Nru. 230

25. 06. 2021

MALTA

KAMRA TAD-DEPUTATI

HOUSE OF REPRESENTATIVES

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Chris Fearne, M.P., Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tat-22 ta' Ġunju 2021.

A BILL introduced by the Honourable Chris Fearne, M.P., Deputy Prime Minister and Minister for Health, on behalf of the Minister for Finance and Employment and read the First time at the Sitting of the 22nd June 2021.

**ATT sabiex jemenda l-Att tal-2021 li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi, ATT Nru XVIII tal-2021.**

**AN ACT to amend the Budget Measures Implementation Act, 2021, ACT No. XVIII of 2021.**

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

**ABBOZZ TA' LIĠI**
**msejjaħ**

*ATT sabiex jemenda l-Att tal-2021 li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi, ATT Nru XVIII tal-2021*

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor.

ATT Nru XVIII tal-2021.

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu Att tal-2021 li jemenda l-Att tal-2021 li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi, u għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Att tal-2021 li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali.

**2.** Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 4 tal-Att prinċipali, il-kliem "biljun u mitt miljun euro (€1,100,000,000) għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "żewġ biljuni u mitt miljun euro (€2,100,000,000)".

**Għanijiet u Raġunijiet**

L-għanijiet u r-raġunijiet ta' dan l-Abbozz ta' Liġi huma maħsuba sabiex jiġu pprovduti aktar fondi sabiex ikunu jistgħu jiġu ffinanzjati l-miżuri tal-Budget 2021 u jagħmel tajjeb għal aktar nuqqas ta' dħul fil-finanzi tal-gvern relatati magħhom. Il-biċċa l-kbira tal-bżonn sabiex jiġu pprovduti aktar fondi hija minħabba li se jinżammu fis-seħħ għall-perijodu ta' żmien aktar milli kien maħsub oriġinarjament fil-Budget tal-2021, numru ta' miżuri fiskali ta' sapport bla preċedent li ġew introdotti fl-2020 sabiex jitnaqqas l-impatt negattiv tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-ekonomija.

**A BILL**
**entitled**

*AN ACT to amend the Budget Measures Implementation Act, 2021*
*ACT No. XVIII of 2021*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:-

Short title.

ACT No. XVIII of 2021.

**1.** The short title of this Act is the Budget Measures Implementation Act, 2021 (Amendment) Act, 2021 and this Act shall be read and construed as one with the Budget Measures Implementation Act, 2021, hereinafter referred to as "the principal Act".

Amendment of article 4 of the principal Act.

**2.** In sub-article (1) of article 4 of the principal Act, the words "one billion and one hundred million euro (€1,100,000,000)" shall be substituted by the words "two billion and one hundred million euro (€2,100,000,000)".

**Objects and Reasons**

The objects and reasons of this Bill are to provide for additional funds to finance the Budget 2021 measures and to make good for further corresponding government revenue shortfalls arising. The need to provide additional funds is largely a result of keeping in place beyond the period originally contemplated in the 2021 Budget, several unprecedented fiscal policy support measures which had been introduced in 2020 to mitigate the negative impact of COVID-19 pandemic on the economy.

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta** — ***Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC** — ***Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€0.18**